VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,546, 15 ta' Marzu, 2016
Taqsima B

A.L. 86 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M. TCM taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b)(5) tal-Istatut taċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M. TCM - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji kif maħtur mis-Senat għall-Kors;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M. TCM;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M. TCM;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Traditional Chinese Medicine and Culture – P.G.Dip. TCM; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2016 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor minn din l-Università, jew istituzzjoni oħra rikonoxxuta mis-Senat għal dan il-għan, mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri f'qasam ta' studju relatat ma' professjoni tal-kura tas-saħħa (bħall-mediċina, infermiera, qabla, fiżjoterapija).

(2) L-applikanti li m'għandhomx grad tal-ewwel ċiklu iżda li għandhom kwalifiki jew esperjenza f'qasam tal-kura tas-saħħa jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn l-applikanti jiġu msejħa għall-intervista biex jiġi determinat jekk ikunux jistgħu jsegwu l-Kors bi profitt.

(3) Il-bord għall-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul minn tal-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 ECTS krettu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS għat-taqsimiet studju mgħallma jew prattiċi jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fil-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tieni semestru.

8. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

9. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.